MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 92/2002/1

**George CAUCHI**

**vs**

**Arnold FARRUĠIA u b'Degriet tat-12 ta' Marzu, 2002, ġiet imsejħa fil-kawża Rose Farruġia mart Arnold**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 2002, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien, b'diversi azzjonijiet u f'okkazjonijiet separati, silef diversi somom ta' flus *brevi manu* lill-konvenut, kif jirriżulta mill-prospett hawn anness bħala Dokument "A";

Illi l-konvenut kien ħallas lura parti zgħira minn dan is-self kumplessiv, iżda għadu sallum debitur tal-attur f'somma sostanzjali, rappreżentanti bilanċ tal-ħlas lura dovut minnu

mis-somom ta' flus lilu mislufa mill-attur, kif hawn fuq spjegat;

Illi nonostante interpellat sabiex jaddivjeni għall-likwidazzjoni u ħlas lura ta' dan il-bilanċ kumplessiv, anke permezz ta' ittra uffiiċjali tat-3 ta' Jannar 2002, u notifikata lilu fid-9 ta' Jannar 2002, il-konvenut baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Għaldaqstant l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma illi tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominandi, rapprezentanti l-bilanċ dovut mill-konvenut bħala ħlas lura tad-diversi somom ta' flus illi l-attur silef *brevi manu* lill-konvenut, kif hawn fuq spjegat;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar 2002, u bl-imgħaxijiet dekorribbli b'effett mill-istess data tat-3 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-21 ta' Frar, 2002, li biha l-imħarrek Arnold Farruġia eċċepixxa:

1. Fl-ewwel lok l-irritwalita' tal-azzjoni odjera fejn qed jiġi mitlub li jiġi likwidat ammont meta mill-prospett esebit mill-istess attur (Dok. A) jidher li l-attur jaf eżatt x'inhu l-ammont minnu pretiz. Għalkemm jista' jkun li dan sar biex jiġi evitat il-ħlas tad-dritt kollu tar-Reġistru inizjali li altrimenti kien ikun dovut mal-preżentata taċ-ċitazzjoni, dan mhux regolari u jmissu intalab l-ammont preċiz li l-attur qed jippretendi fid-dokument minnu esebit;

2. L-irritwalita' taċ-ċitazzjoni għaliex qabel talab il-likwidazzjoni tal-ammont minnu pretiz, l-attur imissu talab

dikjarazzjoni li dan l-ammont hu dovut preordinatament għat-talba tiegħu għall-likwidazzjoni tal-istess;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju, anki jekk sar xi self mill-attur lill-konvenut dan hu null u bla effett ai termni tal-Art. 1322 (2) u (3) tal-Kap. 16, għax dan kien jikkostitwixxi att ta' amminstrazzjoni straordinarja li supost sar bil-parteċipazzjoni tal-konjuġi tal-kontendenti;

4. Illi subordinatament u bla pregudizzju għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet mhux dovut ebda ħlas lill-attur għax, kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża, l-ewwel tlett partiti inkluzi fil-prospett Dok A – għalkemm l-ammont indikat fihom lanqas hu eżatt – ġew kollha imħallsa direttament mill-eċċipjent lill-kredituri konċernati u l-attur ma għandu jagħti xejn tagħhom;

5. Illi subordinatament ukoll l-eċċipjent ħallas lill-attur l-ammonti inkluzi fl-aħħar tlett partiti nkluzi fil-prospett Dok. A;

6. Illi f'kull każ u in subordine l-attur għadu sal-lum għandu jagħti lill-eċċipjent is-somom ta' elfejn seba' mija u tmienja tletin lira maltin (Lm2738) import ta' ħlasijiet magħmula mill-esponent akkont tal-attur u self lilu magħmul u dik ta' erbat elef u tmien mitt lira maltin (Lm4800) rappreżentanti danni li hu inkorra fi tlett okkazzjonijiet meta l-attur bagħtu jagħmel vjeggi li instab li ma setgħux isiru għax kienu jikkonċernaw ġarr ta' merċi llegali, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dawn l-ammonti, salva kull azzjoni għall-ħlas tagħhom spettanti lill-eċċipjent, f'kull każ għandhom jiġu paċuti ma' xi ammont li talvolta jiġi dikjarat dovut lill-attur f'din il-kawża;

7. Illi f'kull każ, trattandosi ta' talba għall-ammont "da liquidarsi" ma jistax jintalab il-ħlas ta' imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar, 2002, imma se mai, biss mid-data tas-sentenza definittiva skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati;

8. Salvi eċċezzjonijiet oħra u kull azzjoni eventwali tal-eċċipjent kontra l-istess attur għall-ammonti fuq imsemmi, li għalihom hu ġia interpella lill-attur inutilment bl-ittra bonarja tiegħu tal-4 t'Ottubru 2001 u dik uffiċjali tal-10 ta' Jannar, 2002 (Dok. X u Y);

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2002, li bih u fuq talba tal-attur, ordnat is-sejħa fil-kawża ta' mart l-imħarrek, Rose Farruġia;

Rat in-Nota mressqa fil-25 ta' Marzu, 2002, li biha l-imsejħa fil-kawża eċċepiet:

1. Fl-ewwel lok l-irritwalita' tal-azzjoni odjera fejn qed jiġi mitlub li jiġi likwidat ammont meta mill-prospett esebit mill-istess attur (Dok. A) jidher li l-attur jaf eżatt x'inhu l-ammont minnu pretiz. Għalkemm jista' jkun li dan sar biex jiġi evitat il-ħlas tad-dritt kollu tar-Reġistru inizjali li altrimenti kien ikun dovut mal-preżentata taċ-ċitazzjoni, dan mhux regolari u jmissu intalab l-ammont preċiz li l-attur qed jippretendi fid-dokument minnu esebit;

2. L-irritwalita' taċ-ċitazzjoni għaliex qabel talab il-likwidazzjoni tal-ammont minnu pretiz, l-attur imissu talab dikjarazzjoni li dan l-ammont hu dovut preordinatament għat-talba tiegħu għall-likwidazzjoni tal-istess;

3. Illi l-eċċipjent mhix il-leġittima kontradittrici f'din il-kawża għax ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-attur la direttament u lanqas indirettament u għalhekk għandha tiġi liberata minnufih mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Illi subordinatament u bla preġudizzju, anke jekk sar xi self mill-attur lill-konvenut dan hu null u bla effett ai termini tal-Art. 1322 (2) u (3) (f) tal-Kap. 16, għax dan kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straodinarja li suppost sar bil-parteċipazzjoni tal-konjuġi tal-kontendenti;

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet mhux dovut ebda ħlas lill-attur għax, kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża, l-ewwel tlett partiti inkluzi fil-prospett Dok A – għalkemm l-ammont indikat fihom lanqas hu eżatt – ġew kollha imħallsa direttament mill-eċċipjent lill-kredituri konċernati u l-attur ma għandu jagħti xejn tagħhom;

6. Illi subordinatament ukoll il-konvenut żewgha ħallas lill-attur l-ammonti inkluzi fl-aħħar tlett partiti inkuzi fil-prospett Dok. A;

7. Illi f'kull każ u in subordine l-attur għadu sal-lum għandu jagħti lill-eċċipjent is-somom ta' elfejn seba' mija u tmienja tletin lira maltin (Lm2738) import ta' ħlasijiet magħmula mill-esponent akkont tal-attur u self lilu magħmul u dik ta' erbat elef u tmien mitt lira maltin (Lm4800) rappreżentanti danni li hu inkorra fi tlett okkazzjonijiet meta l-attur bagħtu jagħmel vjeggi li instab li ma setgħux isiru għax kienu jikkonċernaw ġarr ta' merċi llegali, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dawn l-ammonti, salva kull azzjoni għall-ħlas tagħhom spettanti lill-eċċipjent, f'kull każ għandhom jiġu paċuti ma' xi ammont li talvolta jiġi dikjarat dovut lill-attur f'din il-kawża;

8. Illi f'kull każ, trattandosi ta' talba għall-ammont "da liquidarsi" ma jistax jintalab il-ħlas ta' imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar, 2002, imma se mai, biss mid-data tas-sentenza definittiva skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati;

9. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsejħa fil-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2002, li bih ordnat li f'dan il-waqt tas-smigħ tal-kawża jiġu trattati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek u ta' martu;

Rat in-Nota ta’ Riferenzi mressqa mill-attur fis-6 ta’ Ġunju, 2002[1], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta’ Ġunju, 2002, li bih u fuq talba tal-imsejħa fil-kawża, tat żmien biex titressaq Nota ta’ Tweġiba għal dik imressqa mill-attur;

Rat in-Nota ta’ Tweġiba mressqa mill-imħarrek u l-imsejħa fil-kawża fis-6 t’Awissu, 2002[2];

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-30 t’Ottubru, 2002, tas-27 ta’ Frar, 2003, u tad-29 ta’ Mejju, 2003,li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas lura ta’ flus mislufin fuq l-idejn. L-attur jgħid li silef flus lill-imħarrek f’okkażjonijiet differenti u b’għadd ta’ modi, u li dan ħallsu lura biss parti minnhom u naqas li jiltaqa’ miegħu biex jiftehmu kemm kien għad fadallu jħallas;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa’ billi qal li l-azzjoni ma tiswiex għaliex l-attur imissu talab l-ammont li jippretendi li għandu jitħallas lura lilu u mhux jagħmel talba biex jiġi likwidat l-ammont, u wkoll minħabba li l-attur naqas li jitlob li ssir dikjarazzjoni li l-ammont huwa dovut; laqa’ billi qal li jekk tassew sar self dan ma jiswiex għaliex martu ma kinitx involuta fis-self; u laqa’, fil-mertu, billi qal li huwa ħallas kollox, jew lill-attur jew lil persuni oħrajn fl-interess tal-attur, u li huwa l-attur li għandu jagħtih;

---

[1] Paġġ. 20-1 tal-proċess
[2] Paġġ. 23-5 tal-proċess

Illi, min-naħa tagħha, l-imsejħa fil-kawża laqgħet b'eċċezzjonijiet li jixbhu lil dawk imqanqlin minn żewġha, għajr dik fejn qalet li hija ma kellha x'taqsam xejn ma' xi self mill-attur;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet li l-azzjoni ma tiswiex;

Illi biex wieħed jista' japprezza sewwa xi jfissru l-eċċezzjonijiet taħt eżami, ikun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet *Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*[3];

Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta' att null jew li ġej minn att null, ma jiswiex ukoll[4];

Illi għalkemm l-imħarrek u l-imsejħa fil-kawża ma jsemmux taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 789 qegħdin iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom taħt eżami, huma jsemmu n-nullita' u wkoll l-irritwalita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni, u dan billi

[3] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**);
[4] Art 98 tal-Kap 12

din in-nullita' toħroġ minn talba għal-likwidazzjoni meta l-attur suppost u messu ressaq talba għall-ħlas ta' somma ċerta u wkoll min-nuqqas ta' talba li hija meħtieġa fl-azzjoni tal-attriċi kif impostata. Minn dak li semgħet il-Qorti waqt it-trattazzjoni u minn dak li ngħad iżjed 'il fuq, dawn l-eċċezzjonijiet (li, fis-sewwa, huma żewġ aspetti ta' eċċezzjoni waħda) jidher li huma għalhekk imsejsa fuq il-paragrafu (ċ) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12 kif jirreferi għall-artikolu 156(1) tal-istess Kodiċi b'mod partikolari dwar x'jikkostitwixxi "tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[5];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[6];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet

[5] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (Mhix pubblikata)
[6] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)

il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [7];

Illi, għalhekk, illum il-ġurnata jista' jingħad li l-fehma l-iżjed segwita mill-Qrati tagħna hija li ċitazzjoni m'għandhiex titwaqqa' għajr għal raġunijiet gravi[8]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-Ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[9];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali jkunu mfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikati mit-talba nnifisha[10];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' Ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[11] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek milli jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[12];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[13], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

---

[7] P.A.: **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
[8] App. Ċiv.: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[9] App. Ċiv.: **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[10] P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[11] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[12] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et*** (mhix pubblikata)
[13] Ara nota 9 hawn fuq

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [14]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[15], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[16], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[17]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[18];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qiegħed jippremetti l-atturi hu li jitħallas lura dak il-bilanċ li l-imħarrek għad fadallu jħallsu mill-ammonti kollha mislufa. Il-Qorti jidhrilha, għalhekk, li l-ewwel talba attriċi fiha l-ġabra tal-qofol ta' talba li tista' ssir minn kreditur li jippretendi li d-debitur tiegħu ma raddlux kulma kellu jagħtih lura;

Illi, mbagħad, jekk b'żieda ma' dan kollu wieħed jara mqar mad-daqqa t'għajn x'qiegħed jgħid l-attur, m'għandux jibqa' l-ebda dubju x'qiegħed jippretendi li sar u xi jrid li jikseb bl-azzjoni tiegħu. Fuq dan, l-istess imħarrek u l-imsejħa fil-kawża, fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet rispettiva tagħhom, juru wkoll li fehmu sewwa x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qegħda tressaq għal dawk il-pretensjonijiet. Bl-akbar rispett lejn is-sottomissjoni magħmula mill-abbli difensur tal-imħarrek fis-sens li m'hemmx rabta bejn dak li qiegħed jiġi mixli u dak li

[14] App. Ċiv.: **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[15] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Beżżina vs Anthony Galea***
[16] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet Ż***ahra vs Ż ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[17] App. Ċiv. **23.4.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)
[18] P.A. : **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

qiegħed jintalab, ma tirriżultax lil din il-Qorti li tali sottomissjoni hija waħda minnha f'dan il-każ;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' Ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[19], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[20]. Issa, fil-każ tal-lum, id-difett lamentat mill-kumpannija mħarrka huwa n-nuqqas ta' talba li hija tqis li kienet meħtieġa biex l-attur jista' jikseb ir-rimedju minnu mitlub;

Illi dwar dan, il-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet magħmula waqt it-trattazzjoni f'isem l-attur għandhom mis-sewwa, għaliex id-dikjarazzjonijiet magħmulin minnu fil-premessi u li minnhom jinstiltu t-talbiet tiegħu ma kinux jeħtieġu li tali dikjarazzjonijiet jissawru fl-għamla ta' talba formali, billi din tinġabar essenzjalment f'dak mitlub fl-ewwel talba. Jekk il-Qorti se' tasal li tilqa' dik it-talba tiegħu, trid tilqagħha fuq dawk il-kawżali. Allura, ma kienx meħtieġ li ssir talba speċifika kif qegħdin jippretendu li messu sar kemm l-imħarrek u kif ukoll martu l-imsejħa fil-kawża;

Illi f'dan is-sens ingħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-Ċitazzjoni fil-forma ta' talba[21];

Illi l-Qorti tifhem li jekk it-talba attriċi għandha tiġi mgħarbla kif imiss, din trid issir strettament fid-dawl ta' dak li jingħad fil-premsssi. Kieku ma jkunx hekk, taqa' kull bażi li fuqha t-talba tista' tintlaqa'. Bilkemm għandu għalfejn jingħad ukoll li f'att ta' Ċitazzjoni, mhux kull premessa li hija ppruvata, jew mhux kontestata, jeħtieġ li jkun hemm provvediment speċifiku dwarha fis-sentenza;

---

[19] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[20] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[21] Ara App. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivor Żammit et vs Michael Żammit Tabona noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**) u s-sentenzi hemm imsemmija

Illi għalhekk jista' jingħad li, dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-argument tal-imħarrek u ta' l-imsejħa fil-kawża ma jqisx li l-attur, meta ressaq prospett maċ-Ċitazzjoni, kien qiegħed jelenka l-ammonti mislufa u mhux l-ammont li kien għad fadallu jirċievi mingħand l-imħarrek. Minħabba l-fatt li l-attur jistqarr li l-imħarrek "kien ħallas lura parti żgħira minn dan is-self kumplessiv", il-Qorti ma tara xejn ħażin fil-fatt li huwa jitlob il-likwidazzjoni ta' dak li fadallu jirċievi. Il-motivi, imsemmijin mill-imħarrek u martu, għaliex l-attur deherlu li kellu jifformula t-talba kif fil-fatt iffirmulaha, ma jinteressawx lill-Qorti fl-istħarriġ tagħha dwar jekk l-att ġudizzjarju jiswiex;

Illi, dwar it-tieni eċċezzjoni (li, kif ingħad, hija estensjoni tal-ewwel waħda) jingħad li l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-imħarrek iħallas xi somma flus lill-attur jekk ma tkunx fl-istess waqt waslet għall-konvinzjoni li l-imħarrek huwa responsabbli għal dak il-ħlas u, fuq kollox, li dak il-ħlas huwa dovut. Ma kinitx meħtieġa, għalhekk, talba speċifika li titlob dan;

Illi, fl-aħħarnett ma jirriżultax li bin-nuqqas allegat mill-imħarrek u mill-imsejħa fil-kawża, huma ġarrbu xi preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-istess att;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** imqanqlin kemm mill-imħarrek u kif ukoll mill-imsejħa fil-kawża, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u dan billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u minflok tiddikjara li l-att taċ-Ċitazzjoni jiswa; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------